# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 16**

17 ta' Frar 2020

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP) | Kunsillier |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Anthony Attard Deputat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 16.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

16.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 16.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

16.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-ħmistax (15)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

16.2.2. Il-Kunsillier VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (VB, JAE, DSH, GD)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**Nota: 17:04 Il-Kunsilliera JP attendiet għal-laqgħa.**

16.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 15.2.6 fejn staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar it-tabelli u l-linji li hemm bżonn isiru fi Triq San Tumas. Is-Sindku DSH qalet li l-ewwel ser issir it-triq bit-tarmak u wara jsiru t-tabelli u l-linji.

### 16.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

16.3.1. Is-Sindku DSH ressqet quddiem il-Kunsill il-performance appraisal tal-eks Segretarju Eżekuttiv. Wara li ddiskuta, il-Kunsill approva li jingħata 8% tal-performance bonus.

16.3.2. Is-Sindku DSH qalet li għadu jrid jinħatar il-bord tal-aġġudikazzjoni għas-sejħa għall-offerti tal-Contracts Manager u għall-ġbir ta' skart goff. Il-Kunsill qabel li l-membri tal-bord għaż-żewġ sejħiet għandhom ikunu il-Viċi Sindku GD u l-Kunsillieri VB u JP, flimkien mas-Sindku DSH li ser isservi ta' chairman tal-bord.

16.3.3. Is-Sindku għamlet riferenza għal diskussjonijiet li qed isiru dwar filming ta' film fil-Floriana. Hija qalet li kien hemm xi konflitt minħabba li parti mill-filming kien ser isir dakinhar ta' Jum il-Floriana iżda tinsab infurmata li kien sar qbil bejn il-kumpanija, il-Knisja u l-każin tal-banda. Hija qalet ukoll li l-kumpanija responsabbli mill-filming kienet f'diskussjonijiet mal-ħwienet ta' Triq Sant'Anna biex dawn jiftħu dakinhar tal-filming.

16.3.4. Is-Sindku DSH qalet li kellha laqgħa ma' grupp t'għalliema li nformaw li kienu ser itellgħu kwiżż tal-matematika fi Ġnien l-Argotti nhar it-28 t'April 2020. Hija qalet li għal din l-attività kienu ser jinġabru gruppi ta' tfal minn skejjel ta' lokalitajiet differenti. Is-Sindku proponiet li l-Kunsill jagħti tifkira lill-parteċipanti f'forma ta' notepad bl-arma tal-Kunsill Lokali Floriana. Is-Sindku qalet li kienu talbu wkoll tliet tabelli tan-no parking sabiex ikunu

jistgħu jipparkjaw l-għalliema. Il-Kunsill qabel li jagħti tifkira hekk kif propost, u ma sabx oġġezzjoni li jipprovdi t-tabelli mitluba.

16.3.5. Is-Sindku DSH ressqet talba mingħand Farsons fejn jixtiequ jorganizzaw attività fi Ġnien il-Biskuttin dakinhar ta' St Patrick's Day fis-17 ta' Marzu 2020 bejn l-4pm u l-10pm. Hija qalet li kien ser jintrama palk minħabba li kien ser ikun hemm performance minn grupp lokali. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu joħroġ permess għal tali attività bil-kundizzjonijiet tas-soltu.

16.3.6. Is-Sindku DSH qalet li kien hemm bżonn li jinbidlu l-firmatarji tal-kontijiet tal-bank tal-Kunsill. Hija qalet li għall-finijiet bankarji, hemm bżonn li s-Sur Anthony Attard jiġi approvat formalment bħala d-Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Il-Kunsill approva lis-Sur Anthony Attard bħala d-Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Floriana b'effett mill-20 ta' Diċembru 2020.

16.3.7. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-kont li l-Kunsill għandu mal-HSBC. Hija qalet li dan il-kont ma jintużax u minħabba f'hekk kien qed jiġi inattiv u jkun hemm bżonn ta' proċess sħiħ biex jerġa' jinfetaħ. Għalhekk, is-Sindku pproponiet li dan jingħalaq. Il-Kunsill qabel li għandu jittrasferixxi l-bilanċ fil-kont tal-BOV u jagħlaq il-kont mal-HSBC kompletament.

16.3.8. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-memo interna li ntbagħtet riċentement fejn il-Kunsill kien approva li kull kamra tan-nar tibda' titħallas €1200. Is-Sindku qalet li kien sar żball fl-ammont kwotat u li l-ammont korrett, hekk kif propost, kien ta' €1250. Hija spjegat li t-talba biex jiżdied l-ammont imħallas lil kull kamra tan-nar kienet ġejja minħabba li l-ispejjeż tal-materjal kienu żdiedu u li l-Kunsill qatt ma kien ta żieda mill-ewwel edizzjoni tal-festival. Il-Kunsill approva u qabel li l-ammont li jitħallas lil kull kamra tan-nar għandu jiżdied għal €1250.

16.3.9. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand resident li ssuġġeriet li ssir plakka mal-binja li fiha kienet toqgħod is-Sinjura Christina Ratcliffe jew mafkar fil-ġnien fl-istess triq. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx li għandu jagħmel plakka jew tifkira iżda qabel li għandu jikkuntattja lir-resident u jitolbu jipprovdi ritratt tas-Sinjura Ratcliffe sabiex tiġi aġġornata l-website tal-Kunsill u s-Sinjura Ratcliffe titniżżel bħala waħda mill-personaġġi lokali.

16.3.10. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Zen Eco Market fejn talbu lill-Kunsill jikkonferma l-parteċipazzjoni tagħhom għall-edizzjoni li jmiss tal-attività ta' Ġenna ta' Ġonna. Il-Kunsill qabel li għandu jikkonferma l-parteċipazzjoni tagħhom fl-attività iżda qabel ukoll li għandu jinformahom li għandhom ikunu preżenti dakinhar fil-ħinijiet u l-post maqbula mal-Kunsill u li jippromwovu u jipprovdu l-leaflets/il-programm tal-attività fuq l-istall tagħhom.

16.3.11. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-organizzaturi tal-korsijiet Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar fejn talbu lill-Kunsill jindika l-aħjar ġurnata għalih għax-xhur ta' Mejju u Ġunju. Il-Kunsill qabel li għandu jinformahom li preferibbilment il-korsijiet isiru nhar ta' Tlieta fl-10am.

16.3.12. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-programm Tifkiriet fejn informaw lill-Kunsill bl-inizjattiva li jirrekordjaw tifkiriet li ser jiġu arkivjati għall-ġenerazzjoni li jmiss. Huma pproponew lill-Kunsill sabiex jipproponi anzjani sabiex jitkellmu dwar it-tifkiriet tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandu jipproponi lill-Kunsillier VB kif ukoll xi residenti oħrajn li għandhom ħafna x'jirrakkontaw.

16.3.13. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Valletta Cruise Port fejn urew ix-xewqa li jiżirgħu xi arbuxelli u siġar madwar il-lokalita. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jagħmel pots kbar bil-pjanti fit-truf tal-loġoġ fi Triq Sant'Anna. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-Xerri's u staqsa jekk jistax jieħu mill-ħamrija t hemmhekk. Is-Sindku DSH qalet li għandha tikkonferma.

16.3.14. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-organizzaturi tal-korsijiet tal-lifelong learning fejn ipproponew li l-Kunsill joffri l-binja tiegħu biex jinżammu xi korsijiet. Il-Kunsill ma qabilx minħabba li dawn il-korsijiet diġa jsiru l-iskola primarja tal-Floriana stess.

## 16.4 Rapporti

16.4.1. Ma kienx hemm rapporti.

## 16.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

16.5.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi informazzjoni dwar kif ser jittella' l-Karnival din is-sena. Is-Sindku DSH qalet li kollox kien ser isir bħas-snin preċedenti. Hija qalet li kienu ser jieħdu ħsieb it-tindif biss ġibditilhom l-attenzjoni li t-tindif għandu jinkludi wkoll is-side streets u mhux biss Triq Sant'Anna. Is-Sindku nformat ukoll li talbu li tinxtegħel Triq Sant'Anna nhar it-Tlieta 25 ta' Frar 2020. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Is-Sindku qalet li kienet kuntenta li fil-promozzjoni ta' din is-sena kienet tissemma' l-lokalita tal-Floriana.

## 16.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

16.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 16.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

16.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 08/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

16.7.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB u issekondata mill-Viċi Sindku GD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

16.7.3. Is-Sindku DSH ippreżentat lista ta' pagamenti ta' petty cash li nħarġu matul ix-xahar ta' Diċembru, li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

16.7.3.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB u issekondata mill-Viċi Sindku GD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet indikati fil-lista ta' petty cash imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 16.8 MOZZJONIJIET

16.8.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

## 16.9 ST PATRICK'S SUNDAY

16.9.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-attività li ser tittella' dakinhar ta' St Patrick's Day. Hija qalet li l-barman tal-Floriana Ajax xtaq juża djs minflok kantanti. Hija qalet li kienet saret laqgħa mal-Pulizija fejn kienet ġiet diskussa din il-proposta. Il-Pulizija, għalkemm ma kellhomx oġġezzjoni, kienu talbu lista tad-djs li qed jiġu proposti qabel ma joħorġu l-permess finali. Is-Sindku qalet li l-lista kienet ġiet mgħoddija lill-Kunsill li min-naħa tiegħu għandu jieħu ħsieb jgħaddiha lill-Pulizija.

16.9.2. Is-Sindku DSH ipproponiet li l-Kunsill jiltaqa' mal-barman tal-Floriana Ajax sabiex jiddiskuti l-budget li l-Kunsill għandu għall-attività u jsir qbil fuq kif ser jitqassmu l-ispejjeż. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' miegħu nhar is-26 ta' Frar 2020 fid-9am.

## 16.10 JUM IL-FLORIANA

16.10.1. Is-Sindku DSH qalet li l-Kunsill għandu jiddiskuti l-personaġġi li ser jitpoġġew fuq il-banners dakinhar ta' Jum il-Floriana. Il-Kunsill qabel li għandu jiddiskuti dan permezz ta' memo interna.

16.10.2. Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ l-applikazzjonijiet għall-premju ta' Jum il-Floriana. Il-Kunsill qabel ukoll li l-membri tal-bord tal-għażla ta' premjijiet għandhom ikunu l-Kunsillier VB kif ukoll is-Sinjuri Andrew Amaira u Rose Hili.

16.10.3. Il-Kunsill qabel li għandu jimpjega fotografu għal dakinhar tal-għoti tal-premjijiet kif ukoll xi ħadd responsabbli mis-sound. Il-Kunsillier JAE ippropona li l-applikazzjoni għandha tittella' fuq il-website tal-Kunsill f'format pdf. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

16.10.4. Is-Sindku DSH proponiet li jiġi mistieden il-President fid-Dar tal-Kunsill u għal dakinhar jiġi mistieden ukoll rappreżentant minn kull għaqda lokali sabiex jiltaqa' formalment mal-President. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 16.11 FESTA 2020

16.11.1. Is-Sindku DSH qalet li kien wasal iż-żmien tal-festa u kienet diġa ġiet avviċinata minn xi għaqdiet dwar jekk il-Kunsill hux ser jagħmel reklam fil-ktieb tal-festa u fil-gazzetta Il-Furjana u jekk hux ser jikkummisjona l-banda tal-lokal. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel ir-reklami u jikkummisjona l-banda bħas-snin imgħoddija. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jieħu ħsieb jarma l-fustun fi Triq Sant'Anna.

## 16.12 Festival tal-logħob tan-nar Mekkanizzat

16.12.1. Is-Sindku DSH informat li l-applikazzjonijiet għall-parteċipanti tal-festival kienu ħarġu. Hija nformat ukoll li ser tinżamm laqgħa mal-MTA nhar it-28 ta' Frar 2020 fil-5.00pm, flimkien mal-parteċipanti. Hija qalet ukoll li matul din il-laqgħa kienet ser tinżamm il-polza biex tiġi stabbilita l-ordni ta' kif ser jipparteċipaw il-kmamar.

16.12.2. Is-Sindku DSH qalet li għandha titlob laqgħa mal-MTA sabiex jestendu l-kuntratt li l-Kunsill għandu magħhom. Hija qalet li l-kuntratt eżistenti kien għal sena u għalhekk iridu jerġgħu isiru d-diskussjonijiet mal-MTA. Is-Sindku qalet li għandha tinforma lill-Kunsill appena jkun hemm data għal-laqgħa mal-MTA.

16.12.3. Is-Sindku DSH qalet ukoll li kienu qed jintalbu stimi għat-tapit kif ukoll biex jitwessgħu it-toqob tal-irdieden.

## 16.13 Skema Animal Welfare

16.13.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-applikazzjoni tal-Kunsill għall-fondi għal animal welfare, cat cafés, neutering u ikel fejn tali spiża kienet tammonta għal €7999. Id-DSE spjega li din l-iskema kienet ħarġet biex tittratta l-problema tal-ammont ta' qtates stray li hawn fit-toroq bl-għan li dan l-ammont jonqos maż-żmien.

16.13.2. Is-Sindku qalet li kien hemm bżonn li l-Kunsill jiddeċiedi fejn ser jinstalla l-cat cafés. Il-Kunsill iddiskuta u kien hemm qbil li dawn jitwaħħlu ħdejn l-appartamenti tal-Gvern fi Triq il-Fosos, fi Ġnien Sir Luigi Preziosi u fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V.

## 16.14 Proġett KG5

16.14.1. Is-Sindku DSH qalet li x-xogħol tas-civil works fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V kien wasal biex jitlesta. Hija qalet ukoll li l-kuntrattur tal-playing field equipment kien informa li kien ser jibda' jwaħħal l-equipment l-għada.

16.14.2. Is-Sindku nfurmat li x-xogħol tad-dawl kien ser jibda' dalwaqt u għalhekk matul il-perjodu li jkun qed isir dan ix-xogħol, iċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V kien ser jibda' jkun mitfi. Il-Kunsill qabel li għandu jinnotifika lill-pubbliku dwar dan u li jinforma lill-kuntrattur biex il-ġnien jibda' jingħalaq fis-6pm. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jwaħħal tabella li tindika li min jidħol fil-ġnien wara l-ħin tal-għeluq, ikun qed jagħmel dan a riskju tiegħu.

16.14.3. Is-Sindku qalet li trid tinħareġ sejħa għall-offerti għall-piċċ sintetiku. Hija nfurmat li l-Perit kien infurmat b'dan u kien qed jaħdem biex dan il-piċċ ikun up to standard. Hija qalet li appena jkun lest il-piċċ, il-proġett ikun finalment konkluż.

16.14.4. Is-Sindku qalet li minħabba li dawn kienu fondi tal-UIF, ser ikun hemm bżonn li ssir konferenza stampa biex jiġi inawgurat formalment dan il-proġett. Hija għandha tikkonferma jekk il-piċċ kienx inkluż bħala parti mill-proġett u għandha titkellem mal-

kuntratturi sabiex il-Kunsill jingħata timeframe ta' meta ser jitlesta x-xogħol kollu sabiex tiġi stabbilita data għall-konferenza stampa.

16.14.5. Is-Sindku għamlet riferenza għall-problema tad-drenaġġ li l-Kunsill għandu fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Hija qalet li għandha tiċċekkja sabiex tinħareġ sejħa għall-offerti għal dan ix-xogħol u sabiex il-problema tkun finalment solvuta.

## 16.15 TRIQ IL-MALL

16.15.1. Is-Sindku għamlet riferenza għar-road surfacing li ser isir fi Triq il-Mall. Hija qalet li din it-triq ser issir mill-kuntrattur tal-Kunsill iżda l-ispejjeż ser jiġu rimborsati minn Transport Malta. Hija qalet li x-xogħol kien ser jibda' issa iżda kienet talbet lill-kuntrattur sabiex ix-xogħol jibda' wara l-Karnival. Hija talbet lill-Kunsillier VB sabiex jassigura li x-xogħol jitlesta sal-ewwel ġimgħa t'April biex tkun lesta sal-festa.

16.15.2. Is-Sindku spjegat li t-triq kienet ser issir mill-Kunsill minħabba li ma kienitx inkluża fit-tender oriġinali maħruġ minn Transport Malta u għalhekk wara li l-Kunsill tkellem magħhom, kien ġie gwidat sabiex jieħu ħsieb ix-xogħol hu u mbagħad jiġi rimborsat l-ispejjeż relatati.

16.15.3. Is-Sindku għamlet riferenza għall-proġett ta' Ġnien il-Mall u qalet li kienet infurmata li s-sejħiet għall-offerti kienu ġew ippublikati iżda għadhom iridu jiġu aġġudikati. Hija nformat li l-proġett kellu jibda' f'Marzu/April appena jkun kollox aġġudikat. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-proġett jinkludix ukoll it-traffic lights li hemm u l-Monument tal-Indipendenza. Is-Sindku nformat li l-pavimentar kien ser jinbidel biex il-pavimentar tal-monument u l-ġnien jiġu pariġġ.

## 16.16 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.

16.16.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.30pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 12 ta' Marzu 2020 fil-5.00pm. Il-Kunsill qabel li għandha tinżamm ukoll laqgħa straordinarja nhar is-26 ta' Frar 2020 fid-9am sabiex jipu approvati l-estimi finanzjarji.

**Konfermati, illum ____________________________________**

Davina Sammut Hili
Sindku

Anthony Attard
Deputat Segretarju Eżekuttiv